

Brussell, 22 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12693/25

CES 49

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mid-29 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030 - Adozzjoni

---

1. Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2025<sup>1</sup>.
2. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jadotta l-lista tal-membri mfassla skont il-proposti magħmula minn kull wieħed mill-Istati Membri wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, u skont il-proċedura li tinsab fid-dokument 14673/24, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill stieden lill-Istati Membri jippreżentaw proposti għal kandidati għall-ħatra bħala membri fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030.
4. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni dwar il-proposti ppreżentati mill-Istati Membri qabel l-10 ta' Ġunju 2025, li kienu jikkonċernaw 266 membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

5. Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat l-opinjoni tagħha dwar 249 mill-266 membru propost. Fir-rigward tas-17-il membru propost li jifdal, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-Kunsill u pposponiet l-opinjoni tagħha dwar dawk il-proposti.
6. Fis-16 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/1911<sup>2</sup> li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030. Dik id-Deċiżjoni ħatret 249 membru, għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030, jiġifieri l-membri proposti mill-Gvern Awstrijak, Bulgaru, Ċek, Ċiprijott, Daniż, Grieg, Spanjol, Latvjan, Malti, Rumen, Slovakk, Ungeriż u dak Żvediż. Id-Deċiżjoni (UE) 2025/1911 ħatret ukoll għaxar membri proposti mill-Gvern Belġjan, tnejn u għoxrin membru proposti mill-Gvern Ġermaniż, sitt membri proposti mill-Gvern Estonjan, sitt membri proposti mill-Gvern tal-Irlanda, tlieta u għoxrin membru proposti mill-Gvern Taljan, ħames membri proposti mill-Gvern Lussemburgiż, għaxar membri proposti mill-Gvern Netherlandiż, disa' membri proposti mill-Gvern Portugiż, sitt membri proposti mill-Gvern Sloven, u tmien membri proposti mill-Gvern Finlandiż. Il-membri li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma kinux ġew ikkomunikati lill-Kunsill qabel l-10 ta' Ġunju 2025 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2025/1911.
7. Bejn l-10 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju 2025, l-Istati Membri ppreżentaw proposti addizzjonali<sup>3</sup> għal kandidati għall-ħatra bħala membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
8. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni dwar dawk il-proposti addizzjonali.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1911 tas-16 ta' Settembru 2020 li taħtar membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030 (ĠU L, 2025/1911, 22.9.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1911/oj>).

<sup>3</sup> 10373/25, 11004/25, 11600/25, 11654/25.

9. Fl-10 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni adottat l-opinjoni tagħha dwar il-membri addizzjonali proposti mill-Gvern Franċiż, Kroat, Litwan u Pollakk, kif ukoll dwar is-17-il membru li fir-rigward tagħhom l-opinjoni tal-Kummissjoni ġiet posposta. Konsegwentement, il-Kunsill jista' jipproċedi bil-ħatra ta' dawk il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'riżultat ta' dik il-ħatra, it-329 membru kollha tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser jinħatru minflok it-329 membru li l-mandat tagħhom skada fl-20 ta' Settembru 2025.
10. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mid-29 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12692/25, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-